

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2013 —
L-Italja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-126/09) ⁽¹⁾

“Sistema lingwistika — Avviż ta’ kompetizzjonijiet ġeneralni għar-reklutaġġ ta’ amministraturi — Pubblikazzjoni sħiħa fi tliet lingwi uffiċjali — Informazzjoni dwar l-avviżi ta’ kompetizzjonijiet ġeneralni — Pubblikazzjoni fil-lingwi uffiċjali kollha — Lingwa tal-eżamijiet — Għażla tat-tieni lingwa fost tliet lingwi uffiċjali”)

(2013/C 313/34)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri, aġġent, assistit minn P. Ġentili, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J. Currall u J. Baquero Cruz, sussegwentement J. Currall u G. Gattinara, aġġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tal-avviżi tal-kompetizzjonijiet ġeneralni EPSO/AD/144/09, fil-qasam tas-saħħa pubblika, EPSO/AD/145/09, fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel (politika u leġiżlazzjoni), u EPSO/AD/146/09, fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel (kontabbiltà, spezzjoni u evalwazzjoni), għall-istabbiliment ta’ lista ta’ riżerva għar-reklutaġġ ta’ amministraturi (AD 5) ta’ ċittadinanza Bulgara, Ċiprijotta, Estonjana, Ungerija, Latviana, Litwana, Maltija, Pollakka, Rumena, Slovakka, Slovena u Ċeka, ippubblikati fil-verżjoni Ġermaniża, Ingliża u Franċiża tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tal-14 ta’ Jannar 2009 (ĠU C 9 A, p. 1).

Dispożittiv

(1) L-avviżi tal-kompetizzjonijiet ġeneralni EPSO/AD/144/09, fil-qasam tas-saħħa pubblika, EPSO/AD/145/09, fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel (politika u leġiżlazzjoni), u EPSO/AD/146/09, fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel (kontabbiltà, spezzjoni u evalwazzjoni), għall-istabbiliment ta’ lista ta’ riżerva għar-reklutaġġ ta’ amministraturi (AD 5) ta’ ċittadinanza Bulgara, Ċiprijotta, Estonjana, Ungerija, Latviana, Litwana, Maltija, Pollakka, Rumena, Slovakka, Slovena u Ċeka, ippubblikati fil-verżjoni Ġermaniża, Ingliża u Franċiża tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tal-14 ta’ Jannar 2009, huma annullati.

(2) Ir-Repubblika Taljana u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibati l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2013 —
L-Italja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-218/09) ⁽¹⁾

“Sistema lingwistika — Avviżi ta’ kompetizzjoni ġeneralni għar-reklutaġġ ta’ assistenti — Lingwa tal-provi — Għażla tat-tieni lingwa minn tliet lingwi uffiċjali”)

(2013/C 313/35)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri, aġġent, assistit minn P. Ġentili, avvocato dello Stato)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J. Currall u J. Baquero Cruz, sussegwentement J. Curall u G. Gattinara, aġġenti)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Latvja (rappreżentant: K. Drēviņa, aġġent)

Suġġett

Talba għall-annullament tal-avviżi ta’ kompetizzjoni ġeneralni EPSO/AST/91/09, sabiex issir lista ta’ riżerva għar-reklutaġġ ta’ assistenti (AST 3) fil-qasam “Offset”, u EPSO/AST/92/09, sabiex issir lista ta’ riżerva għar-reklutaġġ ta’ assistenti (AST 3) fil-qasam “Pre-press” [tħejjija għall-istampar], ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tat-18 ta’ Marzu 2009 (ĠU C 63 A, p. 1).

Dispożittiv

(1) L-avviżi ta’ kompetizzjoni ġeneralni EPSO/AST/91/09, sabiex issir lista ta’ riżerva għar-reklutaġġ ta’ assistenti (AST 3) fil-qasam “Offset”, u EPSO/AST/92/09, sabiex issir lista ta’ riżerva għar-reklutaġġ ta’ assistenti (AST 3) fil-qasam “Pre-press”, ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tat-18 ta’ Marzu 2009, huma annullati

(2) Ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibati l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 129, 06.06.2009.

⁽¹⁾ ĠU C 180, 1.8.2009.